# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-4 TA' MEJJU, 2023**

**Fl-atti tar-Rikors Revoka nru. 332/2023 RGM**

**Għar-revoka tal-Mandat ta' Qbid Eżekuttiv nru 1261/2014 fl-ismijiet:**

**Regus Malta Management Limited**

**Vs**

**Bunker Supplies Malta Limited; Paul Hili u Angela Maria Hili**

**Il-Qorti:**

Dan huwa digriet finali dwar rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu, 2023 , minn Paul Hili u Angela Maria Hili li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jitolbu lill-Qorti tħassar il-mandat ta' qbid eżekuttiv fuq

imsemmi peress li ħallsu l-ammont dovut minnhom, liema talba qed iresquha fit-termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12.

Jirriżulta illi b'sentenza tal-15 ta' Lulju, 2014 mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, is-soċjeta' Regus Malta Management Ltd ġiet kanonizzata kreditriċi tar-rikorrenti Hili u tas-soċjeta' Bunker Supplies Malta Limited fis-somma ta' €30,580.64. oltre l-imgħax legali u l-ispejjeż.

B'digriet tat-18 ta' April, 2023 il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lis-soċjeta' intimata b'terminu għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-26 ta' April, 2023.

Is-soċjeta' intimata ġiet notifikata u la ppreentat risposta u lanqas deher rappreżentant tagħha għas-seduta tas-26 ta' April, 2023.

Ikkunsidrat;

**Artikolu 281 tal-Kap. 12** jipprovdi illi:

> Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.

Għalhekk mandat eżekuttiv jista' jiġi revokat sew jekk isir il-ħlas tal-ammont kanonizzat ikun tħallas jew inkella għal raġuni valida oħra.

Fil-każ odjern, għalkemm kien ikun aktar floku kieku r-rikorrenti ippreżentaw flimkien mar-rikors tagħhom il-prova tal-pagament a saldu; bil-fatt li s-soċjeta' intimata ġiet notifikata u ma resqet l-ebda opposizzjoni għat-talba għat-tneħħija tal-mandat eżekuttiv, il-Qorti tqis illi hemm raġuni valida għar-revoka tal-mandat ta' qbid eżekuttiv fuq imsemmi fit-termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti,

1. Tilqa' t-talba ta' Paul Hili u Angela Maria Hili mressqa fir-rikors tagħhom tas-27 ta' Marzu, 2023;

2. Tħassar, bis-saħħa tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-mandat ta' qbid eżekuttiv numru 1261/2014 fl-ismijiet "Regus Malta Management Limited vs. Bunker Supplies Malta Limited, Paul Hili u Angela Maria Hili";

   Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata Regus Malta Management Limited.

   Moqrija,

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
4 ta' Mejju, 2023

**Lydia Ellul,**
**Deputat Registratur**